# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali – REĠJUN NOFSINHAR

**Laqgħa Numru 48 – 3 Leġiżlatura**

**Il-Ħamis 06 ta' Mejju, 2021**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' b'mod virtwali fil-5.30 pm.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Deputat President/Sindku Qrendi | Is-Sur David Michael Schembri |
| Sindku Żurrieq | Is-Sa Rita Grima |
| Kunsilliera Ħal Luqa | Is-Sa Maria Magri |
| Sindku Ħal Safi | Is-Sur Johan Mula |
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |
| Sindku Mqabba | Is-Sur Omar Farrugia |
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |

| | |
|---|---|
| Sindku Santa Luċija | Is-Sa Charmaine St John |
| Viċi Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |
| Sindku Gudja | Dr Marija Sara Vella |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Sindku Ħal Kirkop | Is-Sur Terence Agius |

ASSENTI

| | |
|---|---|
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Josef Masini Vento |
| Sindku Ħaż-Żebbuġ | Dr Malcolm Paul Agius Galea |
| Sindku Siġġiewi | Is-Sur Dominic Grech |

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sa Dulcie Gauci | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-President  is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 48.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

48.1.1 Il-President informa li rċieva ittra ta' apoloġija mis-Sindku ta' Ħal Kirkop fejn ta r-raġuni għalfejn ma setax jattendi.

48.1.2 Il-Membri preżenti aċċettaw l-apoloġija b'mod unanimu.

## 48.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

48.2.1 Il-President ressaq il-minuti tas-sebgħa u erbgħin (47) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali li ġew iċċirkolati  minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

48.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur David Michael Schembri u ssekondata mis-Sur Scott Camilleri, il-Membri Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu l-minuti msemmija.

## 48.3 Komunikazzjoni mill-President;

**- Ringrazzajment**

48.3.1 Il-President irringrazzja lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv li laqgħet it-talba tiegħu biex, fin-nuqqas tas-Segretarju Eżekuttiv, tkun preżenti għal din il-laqgħa.

**- Laqgħa mas-Sindki l-ġodda**

48.3.2 Il-President informa li minħabba l-azzjonijiet industrijali mill-union tas-Segretarji Eżekuttivi, din il-laqgħa se jkollha tiġi posposta għal data oħra indefinita sakemm is-sitwazzjoni terġa' tiġi lura għan-normal.

**- Inawgurazzjoni tal-faċċata tal-Bini Amministrativ**

48.3.3 Il-President ippropona li fis-7 ta' Ġunju ssir iċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni tal-faċċata tal-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Reġjonali hekk kif il-proġett ta' restawr fuqha jkun ġie fi tmiemu. Iċ-ċerimonja tkun f'forma ta' konferenza stampa. Din tibda fit-20.30 u għaliha jkunu mistednin l-Onorevoli Ministru Josè Herrera, il-President u s-Segretarju Eżekuttiv tal-AKL, il-Presidenti Reġjonali, is-Sindki u l-Membri li jirrappreżentawhom fil-laqgħat tar-Reġjun, u xi persuni li żmien ilu kienu jgħixu fid-dar qabel ma nxtrat mill-Gvern fl-1994. Il-President issuġġerixxa li s-Sindki u r-rappreżentanti tagħhom jattendu lebsin ilbies skur u jilbsu l-insigna sabiex jittieħed ritratt tagħhom kollha flimkien b'dan il-mod biex jinżamm tifkira fil-Bini Amministrattiv. Il-President qal li għandha tinkixef irħama kommemorattiva li tfakkar l-involviment ta' din id-dar fl-irvellijiet tas-Sette Giugno. In-numru tal-mistednin għandu jkun limitat biex ikunu jistgħu jinżammu l-miżuri kontra l-pandemija. Hu talab l-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

48.3.4 Il-Membri qablu mal-proposta tal-President.

**- Uffiċjali professjonali mal-Kunsill Reġjonali**

48.3.5 Il-President qal li l-proċess tal-ingaġġ ta' sitt uffiċjali professjonali mal-Kunsilli Reġjonali se jkun qed jidħol fil-fażi li jmiss hekk kif fil-jiem li ġejjin mistennija toħroġ is-sejħa għal dawn l-uffiċjali mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali għall-kunsilli Reġjonali kollha flimkien. L-iskrutinju tal-applikazzjonijiet se jkun qed isir minn Bord maħtur mid-Diviżjoni imma l-interviews u l-għażla finali se tkun qed issir minn-Bord maħtur mill-Kunsill Reġjonali li jkollu rappreżentanza ta' persuna mid-Diviżjoni.

**- Estensjoni tal-Community Work Scheme permezz tal-Kunsill Reġjonali**

48.3.6 Il-President informa li l-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar laqa' t-talbiet li kellu mill-Kunsilli Lokali biex iżidu ħaddiema magħhom mill-Community Work Scheme. B'kollox ġew mitluba tnax-il persuna u l-Kunsill Reġjonali ressaq it-talba tiegħu mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali għal dawn il-ħaddiema.

**- Fondi għall-proġetti fil-komunità mill-Aġenzija LESA**

48.3.7 Il-President informa li kif kien ġie maqbul fil-laqgħa preċedenti, ġiet sottomessa applikazzjoni lill-Aġenzija LESA għal għajnuna finanzjarja sabiex jiġu installati panelli solari, roof garden u vertical green wall fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Reġjonali. Ġiet mibgħuta konferma tas-sottomissjoni mill-Aġenzija LESA. Il-Bord tal-għażla maħtur apposta mill-Aġenzija LESA issa jrid jagħżel liema applikazzjonijiet se jiġu aċċettati minn fost dawk sottomessi.

**- Festa Nar 2021**

48.3.8 Il-President qal li fid-dawl tas-sitwazzjoni inċerta li ninsabu għaddejjin minnha minħabba l-pandemija fejn attivitajiet tal-massa mhumiex permessi, hu jipproponi li Festa Nar 2021 issir b'mod differenti minn dik tas-soltu. Hu fakkar li l-għaqdiet piroteknići matul is-sena li għaddiet tħallsu nofs l-ammont dovut lilhom bil-quddiem għar-raġuni li l-attività ġiet posposta għal data indefinita. Il-President issuġġerixxa li l-attività ssir mifruxa fuq tlett ijiem sabiex l-għaqdiet piroteknići jkunu jistgħu jitqassmu f'ħinijiet u ġranet differenti ħalli jaħarqu l-esebizzjoni tagħhom. L-għaqdiet kollha jaħarqu mill-post minn fejn normalment jaħarqu n-nar fi żmien il-festa tal-lokalità. Il-pubbliku se jkun qed jinfirex għax il-postijiet tal-ħruq se jkunu differenti u mhux se jkunu qed jintramaw gabbani tal-ikel min-naħa tal-Kunsill Reġjonali. L-esebizzjonijiet se jkunu qed jiġu ffilmjati b'mod professjonali biex aktar tard, il-filmat ikun jista' jintwera fuq xi stazzjon televiżiv jekk ikun hemm interess. Il-President ippropona d-dati tentattivi tad-9, 10, u 11 ta' Settembru 2021 għal din l-attività biex tiġi diskussa bejn dawk kollha involuti. Hu talab l-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

48.3.9 Il-Membri preżenti unanimament qablu mas-suġġeriment tal-President.

**- Premju Qasam Soċjali 2020-2021**

48.3.10 Il-President fakkar li matul il-jiem li għaddew intbagħtet korrispondenza lill-Kunsilli Lokali kollha fi ħdan ir-Reġjun biex, dawk li jixtiequ jinnominaw lil xi persuna li tkun ħadmet

b’mod volontarju u ħalliet impatt pożittiv fil-qasam soċjali, ikunu jistgħu jibagħtu n-nominazzjoni tagħhom bil-miktub inkluż id-dettalji kollha biex dawn jitressqu fil-laqgħa tal-Kunsill Reġjonali. Il-Membri tal-Kunsill Reġjonali jkunu jistgħu jaraw in-nominazzjonijiet u jagħżlu minn fost dawk sottomessi.

**- Applikazzjoni mal-Awtorità tal-Artijiet għal devoluzzjoni ta’ proprjetà**

48.3.11 Il-President informa li wara li fl-aħħar laqgħa, il-Membri approvaw din id-deċiżjoni, il-Kunsill Reġjonali talab l-approvazzjoni tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali biex ikun jista’ jissottometti l-applikazzjonijiet tiegħu. Id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali min-naħa tagħha tat l-approvazzjonijiet kollha neċessarji u ġiet sottomessa l-applikazzjoni tad-devoluzzjoni mal-Awtorità tal-Artijiet. L-applikazzjoni diġà għaddiet mill-istadju tal-validazzjoni u issa qed tiġi pproċessata. Dan il-proċess hu mistenni li jieħu ftit xhur għax irid jgħaddi minn numru ta’ fażijiet sakemm fl-aħħar l-applikazzjoni tiġi ppreżentata lill-Bord għall-approvazzjoni finali.

**- Talba minn Spazju Kreattiv għal kollaborazzjoni mill-Kunsill Reġjonali**

48.3.12 Il-President semma’ kif irċieva korrispondenza minn Gabija Kazlauskieni minn Spazju Kreattiv fejn talab għall-koperazzjoni mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar fuq proġett ta’ esebizzjoni ta’ xogħlijiet fotografiċi tal-arti piroteknika minn fotografu Taljan. L-esebizzjoni se tinżamm bejn it-30 ta’ April u l-20 ta’ Ġunju 2021. Aħna tlabniehom jagħtuna aktar informazzjoni u dettalji fuq x’tip ta’ għajnuna qed jitolbu u s’issa ma kellniex risposta. Jekk ikun hemm aktar dettalji, inkunu nistgħu nerġgħu niddiskutu dan fil-laqgħa li jmiss.

**- Kummenti**

48.3.13 Fil-ħin allokat għall-kummenti, is-Sur Johan Mula rrefera għall-azzjonijiet industrijali mill-union tas-Segretarji Eżekuttivi u qal li minbarra l-laqgħat tal-Kunsill, dawn qed jaffettwaw ukoll f’telf ta’ fondi għar-raġuni li hemm fondi Ewropej li jagħlqu f’Ġunju u ċertu deadlines jistgħu ma jintlaħqux. Hu talab jekk jistax jittieħed parir legali mill-avukat tar-Reġjun forsi hemm xi mod biex jitwaqqfu xi wħud mill-azzjonijiet industrijali.

48.3.14 Il-President qal li hu jifhem il-preokkupazzjoni f’din is-sitwazzjoni imma wieħed irid jifhem ukoll li kull ħaddiem għandu d-dritt li jistrajkja. F’dan l-istadju jkun inutli li r-Reġjun jiddiskuti mal-union u mal-avukat għax dan ma jwassal imkien. Hu ssuġġerixxa li s-Sindku,

f'dan il-każ, għandu jikteb lill-entità responsabbli mill-fondi u jispjegalha s-sitwazzjoni biex tieħu konsiderazzjoni ta' dan il-fatt ħalli jingħata estensjoni ta' żmien. Il-President wiegħed li min-naħa tiegħu se jkun qed jiddiskuti dan il-punt mal-President tal-AKL ħalli jaraw hemmx xi mod kif is-sitwazzjoni tista' titjieb għal kulħadd.

48.3.15 Is-Sa Charmaine St John irreferiet għall-ħaddiema li talab ir-Reġjun mill-iskema tal-Community Work u staqsiet jekk hux se tkun tista' titlob li xi wħud minnhom jagħmlu xi xogħol fil-lokalità tagħha għal ftit sigħat jew ġranet.

48.3.16 Il-President qal li fl-aħħar laqgħa ġie deċiż li l-Kunsill Reġjonali se jkun lest jassenja ħaddiema minn din l-iskema għal tul ta' żmien fl-istess lokalità u mhux ħa joqgħod idawwarhom minn post għall-ieħor. Inbagħtet korrispondenza lill-Kunsilli Lokali biex dawk li juru interess iressqu t-talba tagħhom. It-talbiet li rċevejna għaddejniehom lid-Diviżjoni meta l-iskema għalqet. Malli jinbagħtu dawn il-ħaddiema, se jkunu qed jiġu assenjati f'dawk il-lokalitajiet li għamlu talbiet għalihom.

## 48.4 Skeda ta' Pagamenti;

48.4.1 Il-President ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 05/21A-1 u 05/21B-1 li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

48.4.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur Johan Mula u ssekondata minn Dr Marija Sara Vella, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskedi ta' pagamenti msemmija.

## 48.5 Laqgħa Ġenerali Annwali;

48.5.1 Il-President ippropona li l-Laqgħa Ġenerali Annwali ta' din is-sena ssir nhar is-Sibt 19 ta' Ġunju matul in-nofstanhar ta' filgħodu. Hu ssuġġerixxa li jinżamm kollox kif kien sar is-

sena li għaddiet inkluż il-post u s-servizzi pprovduti. Biex inkunu konformi mal-miżuri maħruġa mill-Awtorità tas-Saħħa, hu rrakkomanda li l-mistednin ikunu bilqiegħda madwar imwejjed ta' sitt persuni. It-tema prinċipali ta' din is-sena għandha tkun l-introduzzjoni ta' uffiċjali professjonali mal-Kunsilli Reġjonali biex jassistu lill-Kunsilli Lokali fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom. Għal dan il-għan, hu ssuġġerixxa li tiġi mistiedna biex tagħmel preżentazzjoni d-Direttur tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali għall-Istrateġija u l-Implimentazzjoni ta' Policy sabiex tagħti aktar informazzjoni lis-Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi fuq din l-inizjattiva u tispjega kif se tkun qed taħdem is-sistema. Għal din l-attività jiġu mistiedna l-Onorevoli Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali kif ukoll il-kelliem għall-Oppożizzjoni; id-Direttur Ġenerali, Diretturi u Assistenti Diretturi tad-Diviżjoni; Il-President u s-Segretarju Eżekuttiv tal-AKL; Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi; u staff tal-Kunsill Reġjonali. Biex niffaċilitaw it-tranżizzjoni tar-riforma fir-Reġjuni, il-President issuġġerixxa li jiġu mistednin ukoll il-Kunsilli Lokali li se jkunu qed jingħaqdu mar-Reġjun tan-Nofsinhar għall-ewwel darba fil-leġiżlatura li jmiss. Il-President talab l-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

48.5.2 Il-Membri preżenti lkoll qablu mal-proposta tal-President.

## 48.6 Sejħa Pubblika għal Xiri ta' Vann għas-Sezzjoni tal-Manutenzjoni;

48.6.1 Il-President qal li meta nfetħu l-offerti għal din is-sejħa, instab li kienu ntefgħu żewġ offerti. Il-Bord tal-Evalwazzjoni iltaqa' u beda jevalwa s-sejħiet. Skont l-evalwaturi, iż-żewġ operaturi ssodisfaw il-kriterji amministrattivi għall-eliġibbiltà u l-kriterji tekniċi. Għaldaqstant, ħejjew ir-rapport tagħhom tal-evalwazzjoni li jirrakkomanda li tintagħżel l-orħos offerta li hi dik ta' 19,900 ewro. Ir-rapport ġie ċċirkolat mal-Membri qabel il-laqgħa, għaldaqstant ġie kkunsidrat bħala moqri.

48.6.2 Il-Membri preżenti approvaw ir-rapport tal-evalwazzjoni u qablu mal-Bord tal-Evalwazzjoni li tintagħżel l-orħos offerta.

## 48.7 Affarijiet Oħra;

**- Quarterly Financial Report Jan – Mar 2021**

48.7.2 Il-President ressaq ir-Rapport Finanzjarju għall-ewwel tliet xhur ta' din is-sena li ġie ċċirkolat qabel il-laqgħa u għaldaqstant ġie kkunsidrat bħala moqri. Hu ta spjega tiegħu u tal-qagħda finanzjarja tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar. Il-President talab l-approvazzjoni tal-Membri Preżenti.

48.7.3 Il-Membri preżenti unanimament approvaw ir-Rappart Finanzjarju għall-ewwel tliet xhur ta' din is-sena.

**- Skema Libreriji 2021**

48.7.4 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet proposti b'inizjattivi mill-Kunsilli Lokali ta' Ħal Luqa, Birżebbuġa, il-Qrendi u Santa Luċija għal għajnuna finanzjarja permezz tal-iskema ta' fondi mnedija mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar għal-libreriji.

48.7.5 Il-Membri preżenti unanimament approvaw il-proposti kollha li ġew imressqa.

**- Talba mill-Kunsill Lokali taż-Żurrieq**

48.7.6 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet talba u proposta mill-Kunsill Lokali taż-Żurrieq fejn talab approvazzjoni mill-Membri biex il-fondi ta' 18,000 ewro allokati mill-Kunsill Reġjonali għall-Proġetti fil-Lokalità, li kienu ġew imnedija fl-2019, ikun jista' jutilizzahom fuq xogħlijiet ta' bankini ġodda fi Triq il-Wied, Triq Bubaqra u Triq San Ġorġ..

48.7.7 Il-Membri preżenti unanimament approvaw it-talba u l-proposta tal-Kunsill lokali taż-Żurrieq..

## 48.8 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;

48.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-18.32 pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 03 ta' Ġunju 2021 fil-5.30 pm.

Konfermati llum ______________________.

Jesmond Aquilina

President

Dulcie Gauci

Deputat Segretarju Eżekuttiv